# It-Tifel li Raqad;

*lill-immigranti li ma waslux*

**minn Andrè Mifsud**

It-tifel li raqad
fuq xtajta ramlija,
mimdud fuq il-kosta;
ma jiftaħx għajnejh;
bil-baħar bħal-lożor,
jgħattih u igeżwru,
lilu u l-iġsma
mitluqa hemm ħdejh.

It-tifel li raqad
fuq xtajta ramlija,
qed joħlom u jibża'
b'li ħalla warajh;
bil-gwerer u l-bombi,
bil-ġlied u l-massakri;
min-niket li minnu
hu telaq minn rajh.

Ħolom b'flus missieru
għal dgħajsa tal-karti,
li baħħret bla boxxla
fil-Mediterran.
Qed joqrob lejn ħofra
li diġà ħafrulu,
mal-bombi li tefgħu
fuq l-art tas-Sirjan.

It-tifel li raqad
fuq xtajta ramlija,
mar jilgħab mal-anġli
ġo sema safija;
ġo sħab abjad qotna
u komdu tajjar,
mar jilgħab ma' ħutu
u nesa l-imrar.

Hu minnu li tela'
b'bużżieqa sewdiena,
li fiha titreġġa'
l-istorja l-qadima;
iżda xħin hemm tela'
u l-weġgħat hu nesa,
fuq wiċċu, sa fl-aħħar,
stajt tilmaħ tbissima.